**QORTI CIVILI**
**PRIM AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 200/2019 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**BEVS Limited (C-19814)**

**Eugenio u Josephine mizzewgin Agius**

**Ramla Developments Company Limited (C-8383)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c., li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-kuntratt tad-9 ta' Settembru 2002 bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' BEVS Limited, Eugenio u Josephine Agius u Ramla Developments Company Limited.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-affidavit prodott.

Rat li r-rikors gie assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta biex ikompli jinstema' u jinqata'.

Rat id-diversi differimenti fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li kienu qeghdin jittentaw jittransigu l-vertenza.

Rat li t-tentattivi ma swewx u b'hekk ir-rikors thalla sabiex jigi regolarment degretat.

Ikkunsidrat illi l-Art. 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Wara -*
>
> *...*
>
> *(c) għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll*

*jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Huwa ritenut illi l-indagini li jehtigilha taghmel din il-Qorti f'kazijiet simili hija ferm limitata.

*"Irrispettivament x'inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' procediment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li toqghod taghmel konteggi u tikkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta' verifika li ghad hemm hlas dovut, cioè li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-esekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimat."* – (Bank of Valletta p.l.c. vs Refco Company Limited deciza fit-12 ta' April 2012).

Ma ngabet lill-Qorti ebda prova li tikkontrasta d-dokumenti u l-provi tal-Bank rikorrenti u b'hekk tqis li hija gustifikata t-talba.

Ghaldaqstant il-Qorti, fic-cirkostanzi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Bank of Valletta p.l.c. u tiddikjara l-kuntratt pubbliku tad-9 ta' Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Roland Wadge bhala esegwibbli mill-gdid ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF